

**Appell ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2022 mir-Repubblika tas-Slovenja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (ir-Raba' Awla) fis-27 ta' April 2022 fil-Kawża T-392/20, Petra Flašker vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-447/22 P)**

(2022/C 359/55)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

### **Partijiet**

*Appellant*: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: B. Jovin Hrastnik)

*Partijiet oħra fil-proċedura*: Petra Flašker, il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla għal kollox is-sentenza tal-Qorti Ġenerali,
- tiċħad ir-rikors, u
- tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza tbat i-ispejjeż kollha tal-proċedura.

Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li l-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla għal kollox is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u
- tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

1. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 108(2) u (3) TFUE u l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, iddefinixxiet b'mod ħażin il-firxa tal-obbligi li jaqgħu fuq il-Kummissjoni waqt il-fażi tal-eżami preliminari tal-miżura nnotifikata u evalwat b'mod ħażin l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li l-Kummissjoni ffaċċjat fl-evalwazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, jiġifieri l-attivi taħt il-ġestjoni li Lekarna Ljubljana p.o. u Lekarna Ljubljana akkwistaw wara l-1979.
2. Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod ħażin il-liġi billi klassifikat b'mod żbaljat fil-liġi l-fatti u billi kkonkludiet b'mod żbaljat li, fir-rigward tal-attivi li ngħataw taħt ġestjoni lil Lekarna Ljubljana p.o. fl-1979 u li ġew ittrasferiti lil Lekarna Ljubljana fl-1997, il-Kummissjoni kienet qiegħda taffaċċja diffikultajiet serji u għalhekk kellha tibda f'din il-kawża il-proċedura ta' eżami prevista mill-Artikolu 108(2) TFUE.
3. Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod ħażin il-liġi billi ma pprovdietx raġunijiet suffiċjenti għas-sentenza.
4. Il-Qorti Ġenerali kisret il-proċedura billi ħadet inkunsiderazzjoni, minn naħa, l-ilmenti ġenerali tal-rikorrenti, iżda billi min-naħa l-oħra ma ħaditx inkunsiderazzjoni tal-indikazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-risposta tagħha. Billi għamlet dan, id-dritt tal-Kummissjoni għal rikors effettiv u għal qorti imparzjali ġie miksur, u dan affettwa fl-istess ħin l-interessi tal-appellanti.

<sup>(1)</sup> ĠU 2015, L 248, p. 9.